

# 120 Sena Mindu Żżanżan il-Lampier il-Kbir tal-Festa

Is-Sur Angelo Schembri

Fil-jiem tal-Festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M., il-Parroċċa Arċimatriċi tagħha taż-Żejtun ikun fiha dehra wisq sabiħa mżejna bil-libsa prezzjuża tal-festa. Id-damask li jħammar il-ħitan, il-linef li jixegħlu l-korsija, l-istatwa tal-Patruna mpoġġija fuq bradella mill-aqwa frott is-snajja Żwieten u dak it-tużell maestuż u singulari, li jinkuruna kollox bl-iżjed mod solenni u artistiku. Xejn inqas minn dawn l-opri sagri li semmejt u ferm oħra magħhom, hemm il-Lampier il-Prim tal-fidda li jintrama quddiem l-artal maġġur u li fih daqqa t'għajn kemm għall-artistrija li biha ġie maħdum u anke għall-qies konsiderevoli tiegħu. Dan il-lampier, proprju din is-sena jagħlaq mija u għoxrin sena minn mindu żżanżan għall-festa tal-1896.

Dan il-lampier famuż inħadem mill-arġentier Karkariż Roberto Cannataci Falzon minn muniti tal-fidda Awstrijaċi u Taljani, irregalati mill-benefattriċi Maria Antonia Abela Agius. Cannataci beda billi sawwar il-mudell tal-injam li fuqu kellha tinħadem il-fidda, u dan sewa 16-il lira sterlina. Din l-opra li tiżen 74 ratal u 23 uqija, swiet aktar minn sitt elef skud li kienu ekwivalenti għal 480 lira sterlina, li kienet somma kbira immens għal dak iż-żmien. Tax-xogħol li involva, Cannataci talab 160 lira sterlina iżda wasal fi qbil mal-benefattriċi li jraħħas 10 liri sterlini fuq il-prezz oriġinarjament mitlub. (1) Għal ċertu żmien, dan il-lampier kien jintrefà fid-dar tal-benefattriċi li kienet toqgħod f'dik li llum hi msemmija Triq San Luċjan (it-triq tal-Posta). Fi żminijiet oħra, din it-triq kienet tissejjaħ Triq Claudin għal Claudio Abela, in-nannu tal-benefattriċi tal-lampier, u li hu nniffsu kien ukoll benefattur tal-Knisja Żejtunija għax fl-1854 ħallas waħda mill-qniepen l-antiki. Fuq il-lampier, bħalma jkun il-każ ta'opri simili, hemm kitbiet li jfakkru l-benefattriċi u lil niesha. F'dan il-każ insibu: *Expensis Illus. Dnae Mariae Antoniae Abela Agius de hac terra Zeitun; Filia in capillis defuncti Dni Vincentii Abela, 1896* u l-arma tal-kunjom Abela. Il-Benefattriċi Maria Antonia Abela Agius kienet ukoll uriet ix-xewqa li dan il-lampier artistiku jintrama mhux biss għall-Festa Titulari ta'Santa Katarina V.M., izda wkoll għall-festi ta'Corpus, il-Madonna tar-Ruzarju, il-Madonna tal-Karita`u fil-Milied. (2) Maż-żmien il-lampier baqa' jintrama biss għall-Festa tal-Patruna taż-Żwieten. Roberto Cannataci Falzon kien l-aqwa arġentier Malti fi żmienu. Il-marka tal-fidda tiegħu kienet iġġib l-inizjali ta' ismu, iġifieri RCF. Il-Familja Cannataci oriġinarjament kienet mill-Belt Valletta, iżda f' xi żmien, uħud mill-aħwa marru joqogħdu Birkirkara fosthom Roberto u Saverio li wkoll kien arġentier. Fost diversi opri oħra, f' Birkirkara jispikka l-Ventartal tal-fidda li jintrama mal-artal maġġur fil-jiem tal-Festa ta' Sant' Elena. (3) B'xorti tajba għad fadal diversi oġġetti tal-fidda li ħarġu mill-idejn kapaċi tiegħu. Dawn ivarjaw minn opri sagri għall-knejjes bħal fil-każ ta'dan il-lampier u oħrajn magħmula għall-użu tal-familji nobbli Maltin bħal settijiet tat-te u pożati tal-mejda.



Dan il-lampier iżżanżan fiż-żmien li kien imexxi l-Parroċċa l-ewwel Arċipriet Dun Anton Psaila. Dun Anton kien minn Hal Balzan u nħatar bħala Kappillan taż-Żejtun fl-1800. Meta fl-1889 il-Parroċċa taż-Żejtun ġiet imżejna bid-dinjità ta'Arċipretali, Dun Anton Psaila, awtomatikament, sar l-ewwel Arċipriet taż-Żejtun. Matul il-parrokkat tiegħu li dam sal-1897 meta ġie maħtur Monsinjur, saru diversi proġetti utli għall-parroċċa. Fosthom nistgħu nsemmu l-ewwel restawr tal-vara titulari fl-1883, il-vara tal-Madonna tad-Duttrina li nġabet minn Pariġi fl-1885, il-qanpiena l-kbira li nħadmet mill-magħruf funditur Ġulju Cauchi fl-1885 u l-paviment tal-Knisja fuq disinn ta' Dr. Nicola Zammit fl-1891. Ma'dawn jiżdied il-lampier tal-fidda li dwaru jittratta dan l-artiklu u li allura żżanżan matul l-aħħar ftit żmien tal-parrokkat tal-Arċipriet Psaila.

Minkejja n-nuqqas ta' litteriżmu u edukazzjoni fost il-poplu Malti ta'dak iż-żmien, diversi ġrajjiet ta'ferħ u ta' niket kienu jiġu mħabbra xorta waħda fil-ġurnali tal-epoka permezz ta'avviż jew ittra lill-editur. Għal din l-okkażjoni speċjali tat-twettiq ta' proġett sabiħ bħal dan, iltqajt ma' żewġ ittri fil-ġurnal Malta Tagħna. L-ewwel waħda bit-titlu Lampier Ġdid, ġiet ippubblikata fil-ħarġa tat-8 t'Awwissu 1896 u kienet iffirmata minn Carcaris li jikteb dwar il-lampier maħdum minn Cannataci a spejjeż ta'waħda sinjura li swieha qrib il-ħamest elef skud. Il-kittieb isostni li kulħadd faħħar kemm felaħ lil dan il-lampier għall-eżattezza u l-ġmiel tiegħu. U jkompli *"Eh; sur Editur, li chiecu chienu il Maltin colla jahsbuha biex ix-xoghol isir Malta ! Jen ma nghidx ghal xi affariet li ma jistghux isiru haun; izda chif narau l'ghaineina ghanna min jahdem xoghol sabieh u ta gost."* L-ordnijiet ta'diversi opri sagri minn barra minn Malta, fosthom statwi minn Marsilja u Pariġi u oġġetti tal-fidda mill-Ġermanja, fiż-żmien li qed insemmu, kienu qed isiru aktar frekwenti. Minn żmien għal ieħor tiltaqa' ma' ittri fil-gazzetti li jilmentaw dwar dan l-aġir ta' Maltin li jiċħdu l-kapaċitajiet ta' ħuthom Maltin bħalhom u jagħżlu li jirrikorru barra minn Malta, biex jordnaw xi opra ġdida. Każ partikolari marbut maż-Żejtun stess u li seħħ ukoll matul il-parrokkat ta' Dun Anton Psaila, kien il-bdil tal-vara tal-Madonna tad-Duttrina fl-1885, fejn twarrbet dik maħduma minn Karlu Darmanin biex saret oħra f'Pariġi.



Dawn il-każi kienu jqajmu kjass sħiħ ta' kritika u lmenti fil-ġurnali ta'dak iż-żmien. (4)

Ittra oħra fl-istess ġurnal dehret fil-ħarġa tad-29 t'Awwissu 1896 bit-titlu Lampier Ġdid għal Cnisia Arcipretali taz-Zeitun u ffirmata minn Dilettant. Il-kittieb jirreferi għall-ittra ta'qabel iffirmata minn Carcaris u jċanfru talli faħħar biss lil Cannataci u kważi nesa lill-benefattriċi Maria Antonia Abela Agius. Isemmi b'mod dettaljat iċ-ċifri finanzjarji li sewa biċċa biċċa dan il-lampier biex sar. Dan jixhed li min kiteb l-ittra kien involut mhux ftit fil-parroċċa Żejtunija jew fit-twettiq ta'din l-opra. B'mod partikolari tolqtok daqsxejn ta' kritika lil Cannataci *"Jinghad ucoll li darba l'imghallem li hazzes il-lampier chien sejjer jituella ma is-sur Alberto, ghaliex f'xi parti ma ghamilx bhal mudell, ghamel gosti tighu u chif deherlu; u f'xi parti chien sejjer jaghmel chif fettillu. Izda min hazzes dan il-lampier geghlu ibiddel u inehhi li chien ghamel: ghaliex chien contra il gost tas-sengha."* Meta wieħed iqis il-kapaċità ta'Roberto Cannataci Falzon fl-arġenterija, din il-kritika nazzarda ngħid li hija waħda eżaġerata u magħmula bi skop li tnaqqaslu minn ġieħu. Il-korrispondent Dilettant ikompli *"Jena inghida chif inhossa, in quantu ghax-xoghol li isir f'Malta,*

**Ikompli...**

*mahdum bil ghakal u mill'ahiar, imma in quantu ghal perfezioni tax-xoghol ta l'angli li ornau il-lampier, ghanna xorti li jidru mil boghod, ghax mil boghod collox seuua."* Bil-kliem malizzjuż li jikteb dwar Cannataci u l-anġli li jzejnu dal-lampier, dilettant kważi jagħti l-impressjoni li kien xi arġentier ieħor li ma ħax ix-xogħol tal-lampier. L-ittra ta' qabel iffirmata minn Carcaris tagħti ħjiel biss żgħir ta' kemm sewa l-lampier, iżda fl-ittra tiegħu, dilettant jikxef kull sold li ntefaq fid-dettall. Ma naf b'ebda artist li jieħu pjaċir iperreċ il-prezzijiet li jitlob b'dan il-mod u għalhekk qed insostni li t-tieni ittra nkitbet b'ċertu antagoniżmu lejn l-arġentier Cannataci.

Meta wieħed iqis kemm opri sagri saru biex tiżżejjen il-Parroċċa Żejtunija, malajr jasal għall-konklużjoni li ż-Żwieten ħabbew bis-sħiħ it-Tempju tagħhom u fittxew li jżejnuh b' kull mod, f' kull żmien. Nieħdu biss l-aħħar għaxar snin li għaddew minn fuqna u nsibu lista sħiħa ta' opri tal-arti prestigjużi li saru. Insemmi bħas-sett qniepen ġodda, ir-restawr u l-induratura tal-Istatwa Titulari u wkoll fuq dik tal-Madonna tar-Rużarju, vara ġdida ta' Xmun iċ-Ċirinew, il-Bradella nterzjata tal-Bewsa ta' Ġuda, l-Arka tal-Patt, l-Istandard irrakkmat tal-Fratellanza ta' San Mikiel, iż-żewġ linef kbar tal-Kappelluni, il-Mużew Parrokkjali biswit l-Oratorju tas-Sagrament u tant affarijiet oħra. U hemm bosta xorti oħra maħsuba biex ikomplu jiżdiedu ma' dawk li diġà saru. Dawn huma l-veru xhieda ċara tal-ġenerożità kbira taż-Żwieten lejn il-Knisja Parrokkjali tagħhom. Għalhekk huwa tajjeb li kulħadd jibqa' jikkontribwixxi mill-qalb għal kull sejħa ta' ġbir li ssir u huwa tajjeb li nfakkru u nibqgħu napprezzaw dak li għamlu missirijietna qabilna bħal fil-każ ta' dal-lampier artistiku tal-fidda, frott is-sengħa Maltija u l-ġenerożità Żejtunija.


Noti u Referenzi:

1 Malta Tagħna 29 t' Awwissu 1896.
2 Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet – Kan. Dun Joe Abela 2006.
3 150 Sena Banda Patrimonju Karkariż Trawwim Mużikali – Kult Elenjan. Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own Birkirkara 2015.
4 Il-Fabbrika Franċiża Galard f' Malta u l-Vara ta' San Ġużepp f' Hal Kirkop – Victor Caruana f' Ktieb tal-Festa San Ġuzepp Hal Kirkop 2013.



LEO IRONMONGERY
38, Triq Toni Zahra, Zejtun ZTN 1500
Tel/Fax: 2167 3493 • Mob: 7970 4475
Macpherson TRADE PAINTS
MACPHERSON TINTING CENTRE
OVER 5000 COLOURS AVAILBALE
PLUMBING, ELECTRICAL GOODS & POWER TOOLS.

